MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 726/2003

**Citadel Insurance p.l.c kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel M. Cutajar u l-istess Carmel M. Cutajar**

**Vs**

**Alfred Spiteri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm1,320 (elf tlett mija u ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz. Bl-ispejjez.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li hu:

"Ma jahti xejn ghall-incident mertu tal-kawza."

Jacqueline Cutajar qalet bil-gurament li waqt li kienet ghaddejja fejn hemm il-Lotto Office f'Birkirkara ByPass hareg vann Mitsubishi f'nofs tal-*main road* minn *Stop Sign*. Cutajar ghamlet mossa b'idejha u dan tal-vann beda joffendiha. Hi kompliet fit-triq taghha u l-Mitsubishi giet quddiemha. Hi harget ghall-*outer lane* izda l-Mitsubishi sswervjat quddiemha, hi ghafset il-brake u tilfet il-kontroll tal-vettura b'mod li kwazi spiccat f'gandott fuq il-genb tat-triq. Cutajar gharfet lill-konvenut bhala l-persuna li kien qed isuq il-Mitsubishi. Fil-kontro-ezami Cutajar qalet li l-Mitsubishi kien erba' metri 'l boghod minnha meta hadet in-numru. Cutajar regghet ikkonfermat li gharfet lill-konvenut. Dakinhar ta' l-incident kellu kappell f'rasu u kien mimli trab. Kellu daqna. Cutajar qalet li l-vann kien metallic grey fil-gold:

"Not quite grey, not quite gold."

**Xhieda ta' Joseph Cauchi.**

Cauchi qal li dakinhar ta' l-incident huwa kien qieghed fil-post fejn sehh l-incident. Huwa rrakkonta li ftit 'il quddiem mill-karozza tieghu kien hemm vann Mitsubishi griz u hdejh Toyota bajda u li d-drivers ta' dawn iz-zewg vetturi kienu in diskussjoni ma' xulxin. Huwa mbaghad ra l-vann jissikka l-karozza u din bdiet tisswervja min-naha ghall-ohra sakemm nizlet fejn hemm il-Vodafone, fejn din l-istess karozza ppuntat lejn hofra fejn kien hemm cint zghir, qabzitu u wehlet hemm. Huwa qal ukoll li waqaf jaghti l-ghajnuna tieghu peress li d-driver u t-tlett it-tfal taghha kienu f'periklu. Huwa stqarr li ma kienx jaf id-driver.

**Xhieda ta' Jeanette Cutajar.**

Cutajar qalet li hija kienet fil-karozza t'ommha dakinhar ta' l-incident, liema ncident sehh meta l-konvenut kien qed isuq vann vicin il-karozza taghhom, beda jargumenta u jghajjat maghhom u jisswervja fid-direzzjoni taghhom. Hija qalet ukoll li mbaghad ommha tilfet il-kontroll tal-karozza u kienu ser jaqghu go ditch kbir u li l-vann baqa' sejjer. Hija gharfet lill-konvenut fl-Awla.

**Xhieda ta' Alfred Spiteri.**

Spiteri qal li dakinhar ta' l-incident huwa kien xoghol fis-sebgha ta' filghodu, l-Mosta meta fl-ghaxra u nofs ircieva telefonata fejn qalulu li rieduh mill-ghassa ta' Birkirkara. Huwa mbaghad mar l-ghassa bil-vann fejn is-Surgent ghamillu hafna domandi fuq il-vann u spjegalu li huwa kien xoghol il-Mosta. Meta hareg barra s-Surgent qallu li l-vann kien griz mentri hu kien qal li kien beige. Huwa qal ukoll li kienu ttiehdu proceduri kriminali kontrih u li kien hareg liberat. Spiteri qal li f'dawn il-proceduri t-tifla tal-persuna assigurata mas-socjeta' attrici ma kienetx gharfitu izda li f'din il-kawza civili hija gharfitu. Huwa cahad li b'xi mod kien involut fl-incident in kwistjoni.

**Xhieda ta' John Spiteri.**

John Spiteri qal li dakinhar ta' l-incident huwa kien xoghol mal-konvenut. Huwa kkonferma l-verzjoni tal-konvenut. Spiteri qal li huwa kien mar mal-konvenut l-ghassa u li meta hargu barra s-Surgent staqsih liema hu l-vann u l-konvenut indikahulu, fejn is-Surgent qallu:

"Dan mhux abjad izda griz."

Spiteri qal li l-konvenut kien qal li l-kulur huwa beige. Spiteri sostna li l-konvenut fl-ebda hin ma hareg dakinhar filghodu.

**Xhieda tal-PS 1393 Charles Azzopardi.**

Is-Surgent Azzopardi qal li jiftakar tajjeb l-incident in kwistjoni. Huwa qal kif kien ra l-karozza DAP 365 wara l-incident u li Jacqueline Cutajar kienet irrakkontatlu l-verzjoni taghha ta' kif sehh l-incident u tatu n-numru tal-vettura li kienet tahti ghall-incident in kwistjoni. In-numru tar-registrazzjoni kien HAC 138. Huwa qal ukoll li mbaghad huwa vverifika lil min tghajjat din il-vettura u li kien bghatt ghas-sid taghha li kien Alfred Spiteri. Huwa qal li Cutajar qaltlu li l-vettura HAC 138 kienet bajda jew beige. Azzopardi qal li l-konvenut kien mar l-ghassa bil-

vann tieghu li kien jikkorrispondi man-numru HAC 138 izda li dan il-vann kien griz. Huwa qal li ghad-domandi tieghu Spiteri qal li kien qed jahdem il-Mosta dakinhar ta' l-incident u li hadd ma jsuq il-vann tieghu hlief huwa stess. Azzopardi qal li kien qal lill-konvenut li Cutajar kienet gharfitu u hu qallu:

“Mela ressaqni quddiemha halli nikkonfrontaw lil xulxin.”

Fil-fatt gurnata wara laqqa' lill-partijiet flimkien u kemm Cutajar kif ukoll wahda mit-tfal taghha gharfu lill-konvenut izda huwa baqa' jinnega.
Is-Surgent Azzopardi qal li kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra Spiteri izda mill-investigazzjonijiet li kien ghamel ma setax jikkonkudi jekk Spiteri kienx fil-post ta' l-incident.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal huwa affrontat b'zewg verzjonijiet kompletament opposti. Il-persuna assigurata mas-socjeta' attrici qieghda ssostni li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Hija dak il-hin ta' l-incident kienet hadet in-numru ta' vann Mitsubishi u wara gharfet lill-konvenut li kien id-driver ta' din il-vettura. Il-konvenut qed javvanza d-difiza ta' l-alibi.

Illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fic-citazzjoni.

Mill-banda l-ohra pero', l-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragunevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-Gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet. Mera possibbilta' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta' civili.

Illi fuq bilanc ta' probabbiltajiet dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-evidenza migjuba mis-socjeta' attrici hija l-unika wahda kredibbli u konvincenti. Dan jirrizulta mill-fatti li n-numru ta' registrazzjoni HAC 138 kien jikkorrispondi mat-tip ta' vettura li kkawzat l-incident jigifieri vann Mitsubishi, li l-verzjoni ta' Jacqueline Cutajar giet ikkorroborata b'dik ta' Joseph Cauchi u Jeanette Cutajar u li kemm Cutajar kif ukoll bintha gharfu lill-konvenut gurnata wara l-incident quddiem is-Surgent Azzopardi. Illi kieku Jacqueline Cutajar hadet zball fin-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li kkawzatilha l-incident, kien ikun hemm probabbilta' kbira li l-mudell tal-vettura li kkawzat l-incident ma kienx jikkorrispondi ma' dak tal-konvenut.

Illi skond l-evidenza tal-fatti ta' kif sehh l-incident in kwistjoni jidher li l-konvenut kien il-kawza ta' dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1,220 (elf u mitejn u ghoxrin lira Maltin) lis-socjeta' attrici u Lm100 (mitt lira Maltin) lill-assigurat taghha Carmel Cutajar, bl-ispejjez kontra l-konvenut. Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------